*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 55**

**Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Desiree Attard – Viċi Sindku
Charlot Mifsud- Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier
John B Camilleri – Kunsillier
Daniel Spiteri – Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**Qari tal-ittri ta' apoloġiji.**

**55.1.1** Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

**55.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

**55.2.1** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 7 artiklu 53.9 fejn qal illi data trid tinbidel u issir '***16 ta' Frar 2017'***.

**55.2.2** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li f'paġna 8 irid jitneħħa l-kliem konfermati***, 'illum 15 ta' Diċembru 2016'.***

- ***Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard daħlet għal laqgħa fis-6.08pm***

**55.2.3** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq paġna 7 paragrafu 11 fejn qal li jrid jiżdied il-kliem '***imposta mid-Dipartiment'***.

*Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ippropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.*

Il-minuti ġew emendati u unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

**55.2.4** Il-Viċi Sindku is-Sinjorina Desiree Attard staqsiet fuq paġna 5 artiklu 54.6.1 kif bqajna fuq il-kamra tad-dawl li għandna fi Pjazza Mifsud Bonnici.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi huwa mar fuq il-post għal għarrieda u l-*metre tad-dawl* ma kienx qed jaqra konsum. Huwa kompla jgħid illi ser jsir katnazz u nżommu iċ-ċavetta aħna. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi bagħtna ittra legali lil Arms u l-Avukata tagħna igwidatna illi l-kontijiet tad-dawl u l-ilma mir-*reading reading* in kwistjoni il-quddiem irridu inħalsuhom.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi iklempjajna l-kurrent sabiex jieħdu *average* ta' kemm nikkunsmaw dawl fil-bandli u fil-laqgħa li jmiss ser jkun jista jippreżentahom.

**55.2.5** Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri tkellem fuq paġna 7 paragrafu tnax fuq il-kors tal-*first aid*. Huwa spjega illi l-kors għadu ma sarx għaliex għad irid jsir ftehim bejn il-*instructor* u minn ser jippartеċipa fuq il-ġurnata li għandu jsir dan il-kors.

**55.2.6** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri tkellem fuq paġna 3 paragrafu 54.2.6 fejn qal li ltaqa mal-*foreman* fuq id-dawl ta' Triq il-Blajjiet u tkellem miegħu sabiex jekk hu possibli il-*wiring* jingħata min-naħa tal-Enemalta u b'hekk il-Kunsill jifranka madwar €4000. Huwa kompla jispjega illi l-*foreman* infurmah illi huwa diġa ressaq xi rapporti.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi l-lanterni ma jistgħax jsiru bl-LED's minħabba r-risposta li rċivejna mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u għalhekk se jsiru SON.

**55.2.7** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri tkellem fuq paġna 7 it-tieni paragrafu fejn staqsa jekk konniex bgħatna *reminder* tal-lista ta' postijiet skedati.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-lista konna sibnija u bagħtnija.

***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għal laqgħa fis-18:26***

**55.2.8** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 6 artiklu 54.8.1 illi huwa tal-opinjoni illi l-bankina ser tigi perikoluża meta għandek biċċa bankina biss u jkun aħjar illi issir bankina fejn hemm id-djar residenzjali. Huwa kompla jispjega illi trid tara kemm ser tinħareġ il-barra din il-bankina u ssir skond il-linji gwida tat-TMalta. Dan fir-rigward ta' Triq id-Daħla ta' San Tumas.

Is-Sindku qal li nistgħu nitolbu sabiex din il-bankina issir min-naħa tal-gvern ċentrali kif ġara fi Triq Ħaż Żabbar fejn il-Kunsill jiprovdi l-materjal u l-Gvern jiprovdi in-nies u l-makkinarju. Huwa kompla jgħid illi sa fejn jaf hu biex bankina tkun skond l-*istandards* trid tkun ta' 1.2 meters.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-bankina li saret f'din it-triq imsemmija hawn fuq saret mingħajr kurduna u anke baxxa ħafna. Huwa qal li huwa tal-opinjoni illi jekk ser issir bankina għanda issir kif suppost.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li biex il-Kunsill jiprovdi l-materjal jrid joħroġ sejħa għal offerti.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li huwa tal-fehma li jsriu l-*costings* u naraw kemm tiswina qabel ma niddeċiedu biex noħorġu sejħa għal offerti.

**55.2.9** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa fuq paġna 6 artiklu 54.8.2 jekk kelniex risposta fuq il-batterija tar-Riħama.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-ittra bgħatnija lil Ministeru kkonċernat iżda għad ma għandiex risposta. Huwa qal li apparti minn hekk kellem ukoll lis-Sovratindent tal-Wirt Kulturali u qallu li mhux responsabilita` tiegħu.

Is-Sindku qal li kien qed jitkellem mal-Ministru fejn ġibidlu l-attenzjoni dwar l-ittra. Il-Ministru jidher li kien jaf dwarha.

- ***Intalbet sospenzjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss l-approvazzjoni tal-estimi finanzjarji annwali għas-sena 2016***

**55.5** ***<u>Approvazzjoni tal-estimi finanzjarji annwali għas-sena 2016:</u>***

L-Accountat tal-Kunsill is-Sinjura Doreen Mintoff spjegat l-estimi finanzjarji annwali għas-sena 2016.

*Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-estimi finanzjarji annwali għas-sena 2016 u l-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.*

**55.3** ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

**55.3.1.1** **<u>Fondi tal-UIF:</u>**

Is-Sindku nforma l-Kunsilliera illi f'dawn l-aħħar ġranet il-Kunsill kien għamel gwadan kbir fejn jidħlu fondi. Huwa żied jgħid li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa l-PA sabiex jiddiskutu l-fondi li għad fadal tal-UIF peress li issa nbidlet il-proċedura tal-UIF. Il-Perit William Lewis infurmhom illi dawn il-fondi issa jistgħu jintużaw sabiex jsiru proġetti oħra. Huwa tkellmu mal-Perit Vince Mallia fi ħdan il-Planning Authority u staqsewh jekk l-ammont li għad għandna tal-UIF li jammonta għal madwar €320,000 jistgħux jintużaw u jinqasmu hekk kif ġej:

- €150,000 sabiex isir il-proġett tal-bandli taż-Żonqor
- €100,000 f'tarmak sabiex isir patching fi Triq il-Qaliet
- €63,000 sabiex dawn il-fondi jintużaw għal bini tal-ufficċju tal-Kunsill l-ġdid

Is-Sindku kompla jispjega illi l-Kunsill mil-fondi tiegħu kellu allokat madwar €100,000 f'*patching* u setgħa jagħmel biss triq waħda. Huwa kompla jispjega illi jekk nużaw €100,000 mil-fondi tal-UIF sabiex issir Triq il-Qaliet, mil-fondi tal-Kunsill noħorġu €80,000 u tkun tista issir Triq tal-Gardiel ukoll.

Fir-rigward tal-bini tal-Kunsill is-Sindku qal illi qabel ma inbidlet l-iskema tal-UIF il-Kunsill seta biss jagħmel l-*piling*, filwaqt li issa jekk nużaw parti minn dawn il-fondi għal bini nkunu nistgħu noħorġu *tender* wieħed li jinkorpora fih il-*piling* u l-bini tal-Kunsill (cioe` ġebel u saqaf.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ssuġġerixxa illi ilna dawn l-aħħar snin nipruvaw ngħamlu il-konkos fi Triq il-Bidni u huwa tal-opinjoni illi din it-triq nlestuha.

Is-Sindku qallu li dawn nistgħu napplikaw għalihom bil-fondi tal-Gal Xlokk liema fondi għad iridu joħorġu.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-ewwel kellha issir diskussjoni fil-Kunsill ta' kif għandhom jitqasmu l-flus u xi proġetti għandhom isiru.

Is-Sindku qal li aħna ma tfajna l-ebda applikazzjoni u għalhekk qed tiġi diskussa f'din is-seduta.

**55.3.1.2** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li fl-opinjoni tiegħu huwa ma jaqbilx illi somma sostanzjali ta €100,000 tintefaq fuq triq waħda u anke nispiċċaw li wara ftit taż-żmien tispiċċa kollha mkissra għaliex jgħaddu s-servizzi u għaldaqstant huwa jaqbel iktar illi l-*patching* jkun iffukat madwar il-lokalita` kollha. Huwa kompla jgħid illi hawn ħafna bankini fil-lokal illi bilkemm timxi fuqhom u iktar jara ta neċċessita illi jitranġaw il-bankina meta fil-*budget* aħna konna iddeċidejna illi biex isir il-*patching* ma jistgħux jsiru bankini.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li huwa jaqbel mal-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar illi irridu naraw minħabba s-servizzi ħalli ma nispiċċaw naħlu l-fondi fix-xejn pero` ċċara l-punt li mportanti li jsiru Triq il-Qaliet u Triq tal-Gardiel u mhux toroq oħra.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi it-triq niżlet fi Pjazza Dun tarċis Aguis ħdejn tal-ħaxix u dik hija importanti li issir.

Is-Sindku qal illi l-fondi tal-UIF mhux ser jispiċċaw iżda kull sena ser jkollna fondi allokati għal diversi proġetti.

**55.3.1.3** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qara l-istqarrija li ried iressaq fuq il-bini amministrattiv tal-Kunsill. L-istqarrija tinqara kif ġej:

*'Il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala m'għandux jibni l-uffiċċini tiegħu fi Ġnien Sant'Anna qabel ma jkun mija fil-mija ċert li ma jeżisti ebda bini jew sit ieħor li jistgħu jintużaw minflokk l-art ta' dan il-ġnien. Mingħajr din iċ-ċertezza jien ma nista qatt inkun parteċipi f'din id-deċiżjoni li l-Kunsill jieħu art minn dan il-ġnien pubbliku biex jibni l-uffiċċini tiegħu'.*

Is-Sindku wieġbu illi fil-passat konna diġa fitxejna sabiex nixtru post iżda ma sibniex. Huwa kompla jgħid li anke ftit tax-xhur ilhu konna tkellimna fuq id-*Driftwood* u anke il-*Waterline* iżda ma wasalna imkien.

Is-Sindku qal illi wara ħafna preparamenti, laqgħat, diskussjonijiet u xogħol sabiex jinbena il-Kunsill fi Ġnien Sant'Anna, saħansitra ġibna id-devoluzzjoni tal-ġnien u għandna l-permessi neċessarji mhux ser ngħamlu pass lura u din il-materja lanqas biss għanda biss tiġi diskussa.

Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera preżenti jekk jaqblux illi l-fondi tal-UIF jinqasmu fuq patching fi Triq il-Qaliet, bini tal-Kunsill u bandli ġdid fi Triq iż-Żonqor.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar astjena fuq il-bini tal-Kunsill iżda qabel fuq il-proġetti l-oħra. Filwaqt li l-Kunsilliera l-oħra preżenti qablu fuq it-tlett proġetti.

**55.3.1.4** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li rigward il-*patching* il-kuntrattur jrid jimxi mal-istruzzjonijiet kollha tal-Perit. Huwa qal ukoll li l-ewwel jrid jlesti ix-xogħolijiet pendenti li għandu ta' Triq ix-Xatt.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal jekk saritx ic-*change of architect*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għaddielu l-karti neċessarji.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li jkun aħjar illi jiġi ffurmat sotto kumitat sabiex jkunu jistgħu jiġi sorveljati x-xogħolijiet kif jibda x-xogħol tal-bini tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel illi s-sotto kumitat jkun kompost mis-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt, il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud, il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar.

**55.3.2** **<u>Monument Ras il-Ħuta:</u>**

Is-Sindku qal li l-monument ta' Ras il-Ħuta ġie nawgurat u xtaq jikjarifika xi affarijiet peress li kien hemm kummenti fuq siti soċjali fejn qalu li l-Kunsill nefaq €30,000 fix-xejn.

Is-Sindku beda biex ispjega illi kien hemm allokat €180,000 sabiex jsiru monumenti f'Malta u f'Għawdex u l-ewwel monument li sar kien propju ta' Marsaskala. Huwa qal li vera li l-monument ġie jiswa €30,000, iżda l-Kunsill ma ħareġ l-ebda fondi.

**55.3.3** **<u>Karnival Sajf u Karnival fi Frar:</u>**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera illi din is-sena ser jerġa jsir Karnival Sajf f'Awissu u probabilment din is-sena ser jsir fuq jumejn. Huwa qal li ser jsir l-ewwel weekend wara il-festa ta' Santa' Marija.

Fir-rigward tal-Karnival li ser jsir fi Frar, huwa qal illi dan ser jsir fis-26 ta' Frar 2017 u informa lil Kunsilliera illi is-Sur Noel Castillo talab is-somma ta €690. Huwa spjega illi ser jitneħħew il-parkeġġi minn quddiem is-Summer Nights u peress li din l-attivita` ser issir quddiem ż-żewġ stabilmenti tas-Summer Nights fejn is-sidien ta' dawn l-istabilment ser joħorġu €200 kull wieħed għal din l-attivita`.

**55.3.4** **<u>Tqassim tal-Magazine min-naħa tal-Għaqda Mużikali Sant'Anna:</u>**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera illi l-Għaqda tal-Banda talbuna sabiex jibdew jiprovdu iżjed lezzjonijiet tal-mużika u din id-darba minn l-assistent surmast, lil l-iistudenti fit-tagħlim tal-instrumenti bi ħlas ta €300 addizjonali fuq dak li diġa jirċievu. Huwa spjega illi peress li l-Kunsill ma jistax jħallas dan l-ispejjeż, huwa offra alternattiva lill-Għaqda. Huwa kompla jispjega illi l-għaqda jistgħu jibdew jqasmu d-distribuzzjoni tal-magazine u l-Kunsill jħallas li Għaqda minflok distributur barrani. Hawn inħatar il-Kunsillier is-Sur John B. Camillier biex jieħu ħsieb il-kordinazjoni tad-distribuzzjoni.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar fakkar illi għanda l-fondi mill-iskema tal-Green Mt illi qatt ma ittulliżajnihom fejn hemm fondi allokati lill-għaqdiet meta l-għaqda tagħmel kampanja fuq skart separat.

Is-Sindku qal li ser nieħdu ħsieb nitkellmu mas-Sur Joe Attard u naraw x'nistgħu nieħdu. Huwa qal ukoll li ser jitwaħlu tlett cameras fuq tlett siti fejn hemm separazzjoni tal-iskart fi Triq il-Blajjiet, Triq San Gwakkin u fejn Villa Sant'Anna, dawn mill-fondi tal-Green Mt.

**55.3.5 Gaġġeġ tan-Tonn fil-Bajja ta' San Tumas:**

Is-Sindku spejga illi għal darba hu ġie avviċinat mill-kumpanija `MARE BLU`, waħda mill-kumpanija konformi mal-liġi rigward il-gaġġeġ tan-tonn. Dawn qalulu biex jekk jista jkun jagħmlu użu minn biċċa art fix-xahrejn li ġejjin sakemm isewwu ftit iċ-ċriekic tal-gaġġeġ. Huma qalulu wkoll li dawn ma jkollhomx xbiek u għalhekk min ħaseb li kien qed isir xi ħsara f`qiegħ il-baħar kien żbaljat. Huwa kompla jispejga li wara l-maltemp hemm bżonn li jissewwu ftit. Huma qal ukoll li meta mar għand l-awtorita` dawn qalu li jekk il-Kunsill ma jsibx oggezzjoni jistgħu jmexxu. Huwa spjega illi perress li fil-passat kellna problema bit-tiswija ta' dawn il-gaġġeġ fuq din il-biċċa art mingħajr użu, huwa tal-opinjoni illi biex issir it-tiswija l-gaġġeġ ma jistax jtellahom kollha f'daqqa iżda waħda. Is-Sindku spjega wkoll illi hu ħataf l-okkażżjoni biex jiġbor xi fondi u nuzgħawhom għall-lokal. Huwa talab donazzjoni ta` €1500 u dawn biex jitqassmu fil-komunita` hekk kif spjegat. Il-kontribuzzjoni g]andha titqassam f'€1000 f'konkos li jingħata fil-Bajja ta' San Tumas u €500 lin-*nursery tal-football* ta' Marsaskala.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li ma jaqbilix għaliex dik iż-żona mhux industrijali.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard qalet li wieħed jrid jara l-ħsara li qed issir.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li dawn jridu jġibu l-permessi neċessarji mil-Awtoritajiet ikkonċernati u jrid isir ftehim bil-miktub mal-Kunsill fejn jiġu stipolati ċertu kundizzjonijiet fosthom data sakemm jistgħu jitħallew fuq ix-xatt u li l-post jrid jinżamm nadif.

Il-Kunsill qabel illi dawn il-gaġġeg jisewwew fuq il-blat sakemm jġib il-permessi relattivi mingħand l-awtoritajiet kollha u jsir ftehim bil-miktub bil-kundizjonijiet mal-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar u l-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard ma qablux ma din id-deċiżjoni.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li huwa mportanti illi l-kundizjonijiet jsiru anke fuq li ma jkunx hemm storbju minħabba li l- area hija residenzjali. Huwa qal ukoll li fejn jitnieda il-konkos għanda issir tabella illi dan sar b'kontribuzjoni mingħand min ser jagħti l-flus biex il-pubbliku jkun jaf li dawn in-nies taw il-kontribut f'dan fix-xiri tal-konkos.

**55.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera:**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**55.6.1 Klejm mingħand is-Sinjura Tiziana Borg għal ħsara fil-tyre tal-vettura tagħha (35/0450/17/i):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi rċivejna rapport tas-Sinjura Borg fejn ġarbet ħsara fit-*tyre* tal-karozza tagħha fi Triq Salvu Buħaġair minħabba ħofra li kenn hemm f'din it-triq nhar id-29 ta' Jannar 2017. Il-ħsara tammonta għal €55.

Il-Kunsill qabel unanimament illi tiġi rimborsata 70% tal-ispejjeż li ġarbet fit-*tyre* jiġifieri is-somma ta' €38.50

**55.6.2 Proġett Kunsill Lokali Żgħażagħ Marsaskala – Ftehim dwar l-għoti ta' għajnuna finanzjarja fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva nr. YLCP 2016/2-05:**

Is-Segreatrju Eżekuttiv informa lil Kunsillier illi l-Kunsill irċieva l-ewwel pagament ta' €674.20 rigward dan il-proġett.

**55.6.3 Deċiżjoni mil-PA kontra l-appliakzzjoni PA 06904/16 proposta minn Stefanel Cafe għal iktar imwejjed u siġġijiet (35/0433/17/O):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi it-talba tal-istabbiliment Stefanel għal iktar imwejjed u siġġijiet ġiet miċħuda. Huwa informa lil Kunsilliera illi anke bagħat ittra iebsa lil persuna li tagħtu l-approvazzjoni min-naħa tal-*Lands Department*.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li fil-bandli l-istabilment qed joħorġu qsari u pots u anke qed joħorġu strutturi tal-logħob tat-tfal bi ħlas.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li hemm persuna li qed jorqod fil-bandli u anke qed jħammeġ il-bandli.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li li l-Puluzija nfurmati b'dan ir-raġel u l-każ qiegħed f'idejhom filwaqt għal logħob tat-tfal ser ninfurmaw lil Puluzija.

**55.6.4 20 ħofra proposta fuq is-sementa faċċata tas-Summer Nights mil-Għaqda tan-Nar:**

Is-Segrarju Eżekuttiv nforma lil Kunsilliera illi l-Għaqda tan-Nar qed titlob lill-Kunsill sabiex issir 20 ħofra għal arbli tan-nar waqt il-fest li spiża ser tiswa €20 għal kull ħofra u €30 biex titqiegħed katusa u jingħata l-konkos għal kull ħofra apparti fl-għotjien.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk tkellimniex mal-Perit jekk jistgħux jsiru dawn il-ħofor ma jmurx jiddajjef il-moll. Huwa qal li huwa tal-fehma illi aħna nħafruhom u l-kumplament tal-ispejjeż jitħalsu mill-għaqda.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li huwa importanti li nieħdu il-parir tal-Perit.

Il-Viċi Sindku il-Sinjorina Desiree Attard qalet li mingħajr il-parir tal-Perit ma għandu jsir xejn.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li dan l-proġett ser jsir għal lokal kollhu għaliex il-festa hija tal-lokal.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-festa qed terġa tieħu r-ruħ fil-lokal tagħna u huwa tal-opinjoni li għandna ngħinuhom. Huwa kompla jgħid illi il-covers irridu noqogħdu attenti ta' xiex jsiru għaliex jissaddu minħabba il-baħar. Huwa qal li jew isiru *stainless steel* jew tal-*aluminium* speċjalment il-hinges.

Kien hemm qbil unanimu li jsir dan ix-xogħol.

**55.6.5 Proposta għaż-żamma ta' żewġ karrijiet fi Triq San Tereża (35/0390/17/I):**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera illi din il-proposta ser tiġi irtirata minħabba li sabu post alternattiv għal karrijiet.

Huwa informa l-Kunsilliera illi is-Sur Portelli preżenti ġab il-pjanti miegħu tal-Pjazza proposta fi Triq il-Knisja hekk kif ġiet mitluba fil-laqgħa pubblika annwali li għaddiet. Is-Sur Portelli ppreżenta pjanta li turi il-pjazza proposta u l-parkeġġ alternattiv sabiex ma jintilifx kemm jista jkun l-parkeġġ.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li huwa ma jaqbielx li tingħalaq din it-triq għas-sena kollha anke f'każ li jkun hemm xi aċċidenti.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qali jkun iktar aħjar li kieku tiġi *mixed used.*

Il-Kunsill qabel li l-Kumitat għandu jqabbad Perit anke minħabba l-fatt li ż-żona taqa taħt *urban conservation area* u wisq probabbli jkun hemm bżonn ta' permess mil-PA.

**55.6.6 Countryside Clean up propsal (35/0378/17/I) :**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li ħdejn il-*Beachcomber* hemm ħafna ħmieġ u tista titnaddaf dik l-*area*.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**55.6.7 Minuti mar-rappreżentanti tal-OPM li saret fit 22 ta' Jannar 2017:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi dawn huma l-minuti tal-laqgħa li kellhom mal-OPM fejn iddiskutew il-parkeġġ propost fi Ġnien Sant'Anna.

Is-Sindku qal illi huwa kellu diversi laqgħat mal-OPM iżda minkejja li ssemmew ħafna siti qatt ma waslu minħabba li s-siti ikunu privati, jew għax ikun baxx mal-baħar jew għax ikun ta nkonvenjent għar-residenti. Huwa qal li ma setgħax jattendi għal dik il-laqgħa minħabba raguni ta xogħol.

Is-Sindku qal illi fil-laqgħa mal-OPM ġie diskuss il-parkeġġ propost fi Ġnien Sant'Anna iżda mill-ewwel deher li kien non starter u dan għar-raġuni li kien ser ikun ta' nkonvenjent kbir għar-residenti u għaldaqstant iddiskutew fuq il-possibilita` li jsir parkeġġ bejn l-iskola u l-Knisja.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li peress li ser jinbena *football pitch* fil-*family park* jista jsir parkeġġ taħt dawn il-grawnd u jsir servizz ta *shuttle transport*.

Is-Sindku filwaqt li ħa l-punt tal-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar, wieġbu li huma jridu li l-parkeġġ jkun fiċ-ċentru.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li huwa jaqbel illi l-parkeġġ jsir barra mil-qalba tal-lokal ħalli kemm jista jkun noħorġu l-karozzi mil-qalba tal-lokal.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li jaqbel mal-prinċipju li jkun hemm parkeġġ imma mhux fi Ġnien Sant'Anna.

55.6.8 **Cirkulari AKL 11/2017 – Maintenance of Playing Fields (35/0321/17/I):**

Il-Kunsill qabel unanimament illi nitolbu iktar informazzjoni.

55.6.9 **Hop on Hop off Laqgħa ma wieħed mill-operaturi dwar il-possibilita` li Marsaskala tkun inkluża fir-rotta:**

Is-Sindku qal li iltaqgħu ma rappreżentanti tal-*Malta City Sight Seeing* fejn qalulna li interessati illi jidħlu Marsaskala u talbu sabiex jerġa jiġi miżbugħ il-parkeġġ ta' *Alighting/Boarding* li hemm eżistenti fi Triq ix-Xatt u jsiru t tabelli neċessarji filwaqt illi issir oħra ġdida fi Triq il-Qaliet ħdejn is-San Tommaso Restaurant flimkien mat-tabelli.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-parkeġġi ngħamluhom bil-ħin ħalli wara jintuża mir-residenti.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

55.6.10 **Talba għal un/loading bay fi Triq Sant'Anna mingħand is-Sur Kevin Bartolo:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi is-Sur Bartolo qed jitlob sabiex issir *un/loading* quddiem *The Ironmongery* fi Triq Sant'Antnin illi fil-preżent jismu *Impersona*. Huwa kompla jispjega illi l-ħinijiet huma mit-8.00am sa 12.00pm u mit-3.00pm sas-7.00pm.

Il-Kunsill qabel unanimament.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ħareġ għal laqgħa mid-8.45pm***

55.6.11 **Minuti tal-laqgħa annwali:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tal-laqgħa annwali li saret nhar is-27 ta' Jannar 2017.

55.6.12 **Ħsarat fil-vettura tas-Sinjura Natalie Zammit fi Triq il-Vjola:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-Sinjura Natalie Zammit qed titlob rimbors tal-ħsara li ġarbet fit-*tyre* tal-vettura tagħha nhar il-21 ta' Novembru 2016 fi Triq tal-Gardiel. Il-ħsara li ġarbet tammonta għal €171.22

Il-Kunsill qabel unanimament li jirrimborsa 70% tal-ispejjeż li jammonta għal €119.85

55.6.13 **Laqgħa li saret fl-uffiċini tal-Planning Authority rigward fondi tal-UIF u CPPSb (35/0536/17/I):**

Din il-korrispondenza ġiet diskussa f'55.3.1.

55.6.14 **Tiġdid tal-kuntratt tal-impjegata s-Sinjura Alexandra Mallia li jiskadi fit-28 ta' Frar 2017:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil kunsillier illi l-kuntratt tas-Sinjura Mallia għalaq it-tlett snin u issa dieħla għar-raba sena u għaldaqstant ser tiġi tal-post.

Il-Kunsill qabel unanimament li jerġa jġedded għat-tlett snin li jmiss.

**55.7** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:**

**55.7.1** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi qed jsiru ħafna abbużi fuq is-servizz tal-*bulky refuse*, fejn qal li hawn minn qed jibbukja kuljum sabiex ma jġibx skip. Huwa talab li bħalma jsir fl-lokalitajiet oħra, bulky refuse jinġabar biss wara ġimgħatejn mill-istess lokalita`.

Il-Kunsill qabel unanimament illi meta persuna tibbukja irid iħalli ġimgħatejn biex jerġgħa jibbukja.

**55.7.2** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq pagament nru 4355 u 4370 u talab li g]andna niċċekkjaw mal-kuntratt fuq ir-rata ta' extra works li qed jinħarġu mil-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li f'Qasam tal-Bujjar hemm ħafna ħaxix li mhux qed isir u jħoss li s-Sur Bezzina qed jitħallas ammont sostanzjali u mhux qed isir ix-xogħol skond il-kuntratt.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niċċekjaw fuq ir-rata tal-extra works.

***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

**55.8.** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- Is-Sur John B Camilleri u issekondata mis-Sindku (143 – 6/2/17):**

*"Jipproponi li bħala Kunsill Lokali nagħmlu talba formali kemm jistgħa jkun mingħajr telf ta' zmien sabiex is-Segretarju Parlamentari Deborah Schembri tissospendi il-liġi li daħlet fis-seħħ fis-sena 2015 li tigwida u tirregola l-uzu ta' art Pubblika milli tingħata lill tal-ħwienet sabiex joħorġu iktar imwejjed u siġġijiet barra fuq il-bankina kif ukoll fit-toroq tagħna.*

*Diġa bdew dieħlin l-applikazjonijiet min ħwienet oħra wara li kien hemm ħanut li nagħta permess sabiex flok post ta parkeġġ ta zewġ karozzi jagħmel erba imwejjed erba siġġijiet kull wahda, dan kollu qed jagħmel iktar pressjoni ħabba nuqqas ta' postijiet għal ipparkjar. Għalhekk sakemm tinstab soluzzjoni għal ipparkjar m'għandomx jinħarġu iktar permessi bħal dawn li jkomplu jnaqqru l-postijiet għal ipparkjar."*

Il-Kunsill qabel unanimament

* Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri nforma lil Kunsilliera illi ċempillu mill-Ministeru tas-Saħħa fuq talba ta' bozza li konna diga tkellimna fuq f'laqgħa preċedenti. Huwa spjega illi din ir-residenta li titlob sabiex issir bozza fi Triq fil-limiti tal-mozz fejn din ir-residenta għanda kamra ġo għalqa. Huwa kompla jgħid illi din il-bozza ser tiswa madwar €3000 u iktar il fuq f'din it-triq hemm bozza oħra. Huwa qal li huwa tal-opinjoni illi din il-bozza ser tiswa ħafna meta ser tintuża biss minn din ir-residenza. Dan peress li jridu jitwaħħlu madwar ħames arbli.

Il-Kunsill qabel unanimament li kemm il-darba l-arbli u l-cables jsiru mil-Enemalta, il-Kunsill ikun jista jwaħħal il-lanterna.

**53.9 <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.</u>**

L-aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir Nhar il-Ħamis 16 ta' Marzu 2016 fis-6.00

Konfermat illum 16 ta' Frar 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |